# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmintax (18) ta' Jannar 2024**

**Rikors Numru 1384/2023 FDP**

Fl-ismijiet

**Marlow Navigation Co Ltd, soċjeta' reġistrata ġewwa Ċipru, rappreżentata hawn Malta mill-Avukat Dottor Jan Rossi (ID 298487M)**

**Vs**

**Il-Bastiment 'MSC Valencia'**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Diċembru 2023, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi crew members illi isimhom huwa indikat fl-elenku hawn anness u mmarkat bħala 'Dok B" taw servizz bħala membri ta' l-ekwipaġġ abbord il-bastiment Intimat u dan matul il-perjodi indikati fl-istess dokument, għal liema servizz tali membri ta' l-ekwipaġġ kien ħaqqhom salarju, bonus u ammonti oħra relati ma' l-istess servizz illi taw abbord il-bastiment Intimat;*

    2. *Illi bis-saħħa ta' diversi skritturi privati illi l-membri ta' l-ekwipaġġ iffirmaw (separatament) mas-soċjeta' rikorrenti (kopji ta' l-imsemmija skritturi privati qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok C1 sa C 17), tali dritt għas-salarji, bonuses u ammonti oħra fl-ammont komplessiv ta' disa' mija ħamsa u għoxrin elf, disa' mija sebgħa u disgħin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€925,997.41c) ġie assenjat u trasferit lir-rikorrent nomine. Dawn id-diversi ċessjonijiet ġew rikonnoxxuti mill-operatur tal-bastiment MS "MSC VALENCIA" Schiffahrtsgesellschaft GmbH qua bareboat charterer permezz*

*ta' ittra datata għaxra (10) ta' Novembru 2023 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala "Dok D").*

3. *Illi, inoltre, is-soċjeta' rikorrenti rendiet u qed trendi crewing services lill-operatur tal-bastiment MS "MSC VALENCIA" Schiffahrtsgesellschaft GmbH qua bareboat charterer - liema servizzi qed jiġu provduti in konnessjoni ma' l-operat ta' l-istess bastiment intimat ai termini ta' ftehim datat disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, 2021 u li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dok F" - għal liema crewing services is-soċjeta' rikorrenti ħarġet diversi kontijiet fl-ammont globali ta' sitt mija u sitta u ħamsin elf, ħames mija u tmienja u sittin ewro u għaxar ċenteżmi (€656,568.10c);*

4. *Illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat bonarjament lill-imsemmi operatur tal-bastiment diversi drabi permezz ta' emails (kopji hawn annessi u mmarkati bħala ,'Dok. FI u Q") mibgħuta lilu u lill-maniger tiegħu Hammonia Reederei GmbH & Co. KG sabiex iħallsu l-ammont komplessiv dovut lilha ta' miljun ħames mija u tnejn u tmenin elf, ħames mija u sitta u ħamsin ewro u wieħed u ħamsin ċentezimu €1,582,565.51 rappreżentanti (i) kemm is-salarji hawn fuq imsemmija oriġinarjament dovuti lill-ekwipaġġ u sussegwentament assenjati lis-soċjeta' rikorrenti u anke' (ii) servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti għall-operat tal-bastiment kif premess supra - iżda minkejja tali interpellazzjonijiet, l-operatur xorta waħda baqa' inadempjenti u li għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna;*

5. *Illi s-soċjeta' r-rikorrent nomine għandha dritt tipproċedi in rem kontra l-bastiment Intimat sabiex tiġi saldata a favur tagħha s-somma kumplessiva ta' miljun, ħames mija u tnejn u tmenin elf, ħames mija u sitta u ħamsin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,582,565.51c) liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut.*

6. *Illi in kawtela tal-pretenzjonijiet tagħha, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti toħroġ mandat ta' arrest kontra l-bastiment Intimat u l-Qorti laqgħat it-talba rikorrenti bil-mandat ta' arrest fl-istess ismijiet premessi bin-numru 2189/2023;*

7. *Illi s-somma kumplessiva mitluba hija spjegata aktar fid-dettall fil-prospett hawn anness u mmarkat bħala "Dok G" liema prospett jindika wkoll l-ammonti oriġinarjament dovuti f'dollari Amerikani li għal finijiet ta' dina l-kawża ġew konvertiti f'Ewro skont ir-rata tal-kambju tal-għoxrin (20) ta' Novembru 2023 ossia id-data meta ġie intavolat il-mandat ta' arrest fl-ismijiet premessi bin-numru 2189/2023.*

8. *Illi sa fejn jaf ir-rikorrent nomine, il-bastiment Intimat m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tal-istess rikorrent nomine u għalhekk jeżistu ir-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista'*

*tipproċedi għad-deċiżjoni bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, jgħid għalhekk il-bastiment Intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet hawn fuq premessi:*

a. *Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

b. *Tiddikjara li l-Bastiment Intimat għandu jħallas ir-rikorrent nomine s-somma kumplessiva ta' miljun, ħames mija u tnejn u tmenin elf, ħames mija u sitta u ħamsin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,582,565.51c);*

c. *Tordna u tikkundanna lil-Bastiment Intimat sabiex iħallas lir-rikorrent nomine s-somma ta' miljun, ħames mija u tnejn u tmenin elf, ħames mija u sitta u ħamsin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,582,565.51c).*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-bastiment intimat, inklużi dawk tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju nru. 2189/2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment Intimat, li rappreżentanti tiegħu huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-18 ta' Frar 2023, il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-8 ta' Jannar 2024 fejn il-Bastiment intimat ġie ordnat jidher sabiex jirrispondi għal dak mitlub.

3. Rat id-dokumentazzjoni kollha eżebita mar-rikors promotur, ossija:

   a. Il-Prokura
   b. Salarji Mħallsa lill-Ekwipaġġ
   c. Assenjazzjonijiet
   d. Ittra tal-bareboat charterer
   e. Crew Hire Contract
   f. Kopja ta' l-emails mibgħuta minn Marlow
   g. Prospett

4. Rat in-nota ta' MSC Valenzia ippreżentata fit-8 ta' Jannar 2024 ai termini tal-Artikolu 170 tal-Kap 12.

5. Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2024, deher il-Kaptan Tzvetan Zarov Tzvetanov għan-nom u in rappreżentanza tal-Bastiment MSC Valencia.

6. Rat l-affidavit ta' Johannes Jurgen Herman Meyering ippreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2024.

7. Rat illi l-konsulent legali tal-Kaptan Tzvetan Zarov Tzvetanov, in rappreżentanza tal-bastiment MSC Valencia, kif operat mill-Bare Boat Charterers MSC Valencia Schiffahrtsgerellschaft Gmbh, għarrfet lill-Qorti illi hija għandha instruzzjonijiet sabiex ma tikkontestax il-proċeduri miġjuba mis-soċjeta' rikorrenti.

8. Rat illi il-Qorti ġiet mgħarrfa li n-nota ppreżentata fit-8 ta' Jannar 2024 ġiet intavolata mis-sidien tal-bastiment.

9. Rat illi in vista tal-fatt illi l-proċeduri odjerni huma proċeduri intavolati *in rem* kontra l-bastiment personalment, huwa l-Kaptan Tzvetan Zarov Tzvetanov illi jirrappreżenta il-Bastiment, liema Kaptan għarraf lill-Qorti illi l-proċeduri odjerni ma kinux qed jiġu kkontestati.

10. Rat illi ma ngħatat ebda raġuni valida 'l għaliex it-talba kif dedotta ma għandhiex tintlaqa'.

11. Rat illi fit-8 ta' Jannar 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza abbażi tal-provi kif ippreżentati.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi semgħet l-abbli difensuri preżenti;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedotta u, konsegwentement:

Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tiddikjara** li l-Bastiment Intimat għandu jħallas ir-rikorrent nomine s-somma kumplessiva ta' miljun, ħames mija u tnejn u tmenin elf, ħames mija u sitta u ħamsin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,582,565.51c);

**Tikkundanna** lil-Bastiment Intimat sabiex iħallas lir-rikorrent nomine s-somma ta' miljun, ħames mija u tnejn u tmenin elf, ħames mija u sitta u ħamsin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,582,565.51c).

**Bl-ispejjeż** kontra l-bastiment intimat, inklużi dawk tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju nru. 2189/2023, u bl-imgħax dekorribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**